Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,992, 22 ta' Settembru, 2000
Taqsima B

A.L. 182 ta' l-2000

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

Ordni ta' l-2000 dwar Żraben u Xedd is-Saqajn (Ordni Nru. 43 ta' l-2000)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* għamlet dan l-Ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2000 dwar Żraben u Xedd is-Saqajn, u jista' jissejjaħ Ordni Numru 43 ta' l-2000.

1.2 Dan l-Ordni Mandatorju għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001 b'dan iżda li merkanzija li nħarġitilha fattura jew li kienet ikkonsenjata lill-bejjiegħ qabel dik id-data u li tikkonforma ma' l-Ordni ta' l-1989 dwar Xedd ir-Riġlejn, ma tkunx soġġetta għall-miżuri f'dan l-Ordni sa l-1 ta' Jannar, 2003.

Applikabilità.

2.1 Dan l-Ordni Mandatorju għandu japplika għat-twaħħil ta' tikketti fuq materjal użat fil-komponenti prinċipali ta' żraben u xedd is-saqajn għall-bejgħ lill-konsumatur.

2.2 Lista mhux eżawrjenti tal-prodotti koperti minn dan l-Ordni Mandatorju tidher fit-Tieni Skeda.

2.3 Dawn li ġejjin huma esklużi mill-iskop ta' dan l-Ordni Mandatorju:

— żraben sekondaman, milbusin,

— żraben protettivi koperti mill-Ordni (M34) ta' l-1998 dwar it-Tagħmir Protettiv Personali,

— żraben koperti minn Direttiva 76/769/EEC,

— żraben ġugarelli.

Tifsiriet.

3.1 Għall-finijiet ta' dan l-Ordni Mandatorju, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

3.1.1 "żraben" tinkludi xedd is-saqajn u tfisser l-artikli kollha b'pettijiet imwaħħlin magħhom maħsubin biex iħarsu jew jgħattu s-sieq, inklużi partijiet mibjugħin separatement kif hemm referenza għalihom fl-Ewwel Skeda.

Informazzjoni fuq żraben.

4.1 Informazzjoni fuq il-kompożizzjomi ta' żraben għandha tingħata permezz tat-twaħħil ta' tikketta kif speċifikat f'paragrafu 6 ta' dan l-Ordni Mandatorju.

4.2 It-tikketta għandha tagħti informazzjoni dwar it-tliet partijiet ta' żraben kif imfissra fl-Ewwel Skeda, jiġifieri:

(a) il-wiċċ;

(b) l-inforra u s-suletta;

(ċ) il-pett ta' barra.

4.3 Il-kompożizzjoni ta' żraben għandha tkun indikata kif speċifikat f'paragrafu 6 fuq il-bażi jew ta' stampi jew ta' indikazzjonijiet bil-miktub fil-każ ta' materjal speċifiku, kif stipulat fl-Ewwel Skeda.

4.4 Fil-każ tal-wiċċ, il-klassifikazzjoni tal-materjal għandha tkun stabbilita fuq il-bażi tal-provvedimenti li hemm f'paragrafu 6.1 u fl-Ewwel Skeda, mingħajr ma jittieħed kont ta' aċċessorji jew rinforzi bħalma huma rqajja' ta' l-għarqub, tberfil, tiżjin, bokkli, lametti, vajlori tat-toqob tal-lazzijiet jew aċċessorji simili.

4.5 Fil-każ tal-pett ta' barra, il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-volum tal-materjal li jkun fih, skond il-paragrafu 6.

Hruġ fis-suq.

5.1 Kull żarbun maħruġ fis-suq għandu jissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-Ordni mingħajr preġudizzju għal provvedimenti rilevanti oħra.

5.2 Ebda persuna ma tista' toħroġ fis-suq xi żraben li ma jkunux jikkonformaw mal-provvedimenti ta' dan l-Ordni rigward il-ħtiġiet tat-twaħħil ta' tikketti.

Tikketti ma' żraben.

6.1 It-tikketti maż-żraben għandhom jagħtu informazzjoni fuq il-materjal, stabbilit skond l-Ewwel Skeda, li jikkostitwixxi mill-inqas 80% ta' l-ispazju ta' fuq tal-wiċċ, u l-inforra u s-suletta, taż-żarbun, u mill-inqas 80% tal-volum tal-wiċċ ta' barra. Jekk ma jkun hemm ebda

materjal li minnu jikkostitwixxi mill-inqas 80%, għandha tingħata informazzjoni fuq iż-żewġ għamliet ta' materjal prinċipali użati fil-kompożizzjoni taż-żraben.

6.2 L-informazzjoni meħtieġa f'paragrafu 6.1 għandha tidher fuq iż-żraben.

6.3 Il-manifattur jew l-aġent awtorizzat tiegħu jista' jagħżel sew stampi sew indikazzjonijiet bil-miktub kif imfissra fl-Ewwel Skeda.

6.4 Kull indikazzjoni bil-miktub li tingħata kif mitlub f'paragrafu 6.3 għandha tingħata f'mill-inqas waħda mil-lingwi li ġejjin: Malti, Ingliż, Taljan.

6.5 Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, it-twaħħil ta' tikketti għandu jsir billi l-informazzjoni meħtieġa titwaħħal mill-inqas ma' żarbun wieħed minn kull par. Dan jista' jsir bl-istampar, twaħħil jew intaljar, jew bl-użu ta' tikketta mwaħħla.

6.6 It-tikketta trid tkun tidher, mwaħħla tajjeb u aċċessibbli, u l-qisien ta' l-istampi jridu jkunu kbar biżżejjed biex l-informazzjoni ta' fuqhom tinftiehem malajr. Ma għandux ikun possibbli li t-tikketta tqarraq bil-konsumatur.

6.7 Il-manifattur jew l-aġent awtorizzat tiegħu stabbilit f'Malta għandu jkun responsabbli biex iforni t-tikketta u għall-korrettezza ta' l-informazzjoni li jkun fiha. Jekk la l-manifattur u lanqas l-aġent awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti f'Malta, dan l-obbligu jaqa' fuq il-persuna li kienet responsabbli biex iddaħħal għall-ewwel darba ż-żraben fis-suq. Il-bejjiegħ jibqa' responsabbli li jiżgura li ż-żraben mibjugħin minnu jkollhom it-tikkettjar xieraq preskritt minn dan l-Ordni Mandatorju.

6.8 Jekk ikun hemm il-ħtieġa li titwaħħal informazzjoni testwali addizzjonali mat-tikketta, dak it-tagħrif jista' jiżdied ma' l-informazzjoni meħtieġa taħt dan l-Ordni.

7.1 L-Ordni ta' l-1989 dwar Xedd ir-Riġlejn (Ordni Nru. M23 ta' l-1989) huwa b'dan imħassar. Thassir ta' A.L. 43 ta' l-1989.


L-EWWEL SKEDA




1. Definizzjoni u stampi, jew indikazzjonijiet bil-miktub, korrispondenti dwar il-partijiet taz-zraben li jridu jkunu identifikati.

		Stampi	*Indikazzjonijiet miktubin*
(a)	**Wiċċ** Dan hu l-wiċċ ta' barra ta' l-element strutturali li hu mwaħħal mal-pett ta' barra.		M Wiċċ EN Upper IT Tomaia
(b)	**Inforra u Suletta** Dawn huma l-inforra tal-wiċċ u tas-suletta, li jsawwru l-parti ta' ġewwa taż-żarbun.		M Inforra u Suletta EN Lining and sock IT Fodera e Sottopiede
(c)	**Pett ta' barra** Din hija l-parti ta' taħt taż-żarbun, li hi soġġetta għal użu li jillixxa bit-taħkik u titwaħħal mal-wiċċ.		M Pett ta' barra EN Outer sole IT Suola esterna

2. Definizzjoni u stampi korrispondenti tal-materjal

L-istampi li għandhom x'jaqsmu mal-materjal għandhom jidhru fuq it-tikketta ħdejn l-istampi relatati mat-tliet partijiet taż-żarbun kif speċifikat f'paragrafu 6 u fil-parti 1 ta' din l-Iskeda.

		Stampi	*Indikazzjonijiet miktubin*
(a)	(i) **Ġilda** Kelma ġenerali għal kull xorta ta' ġild bl-istruttura oriġinali tagħha ftit jew wisq intatta, ikkunzat biex ma jitmermirx. Ix-xagħar jew is-suf jistgħu jkunu jew ma jkunux tqaxxru. Ġilda ssir ukoll minn ġlud li jkunu tfellu f'safef jew tqattgħu bċejjeċ sew jekk qabel sew jekk wara l-ikkunzar. Iżda, jekk il-ġlud ikkunzati jkunu ġew		M Ġilda EN Leather IT Cuoio

	disintegrati mekkanikament jew kimikament f'partiċelli fibrużi, bċejjeċ żgħar jew trab u mbagħad, sew bit-tagħqid sew mingħajru ta' aġent li jillega, jew isiru folji jew jingħataw xi forma oħra, allura dawk il-folji jew forom ma jkunux ġilda. Jekk il-ġilda jkollha kisja fil-wiċċ, tingħata kif tingħata, jew tkun ingħatat finitura bil-kolla, dawk is-safef tal-wiċċ ma għandhomx ikunu eħxen minn 0.15 mm. Għalhekk, il-ġlud kollha huma koperti bla preġudizzju għal obbligi legali oħra, bħalma hi l-Konvenzjoni ta' Washington. Jekk fl-informazzjoni testwali addizzjonali msemmija fil-paragrafu 6.8 tintuża l-frazi "ġilda għalkollox ikkunzata min-naha ta' fuq", din tapplika għal ġilda li jkollha l-wiċċ bil-vina oriġinali kif esposta bit-tneħħija ta' l-epidermide bla ma titneħħa ebda parti mill-wicc bl-użu ta' tindif bil-baff, ħin jew tiflil.		
	(ii) **Ġilda Miksija** Ġilda li l-kisja fuq il-wiċċ applikata fuqha ma taqbiżx it-terz tal-ħxuna kollha tal-prodott imma taqbeż iż-0.15 mm.		M Ġilda miksija EN Coated leather IT Cuoio rivestito
(b)	**Materjal tessili naturali u materjal tessili sintetiku jew mhux minsuġ** "Tessuti" tfisser il-prodotti kollha koperti bl-Ordni ta' l-2000 dwar Ismijiet tat-Tessuti.		M Tessut EN Textile IT Tessili
(c)	**Kull materjal ieħor**		M Materjal Ieħor EN Other materials IT Altre materie

IT-TIENI SKEDA

Eżempji ta' zraben koperti minn dan l-Ordni Mandatorju

"Żraben" tiġbor fiha minn sandlijiet li l-uċuħ tagħhom jikkonsistu biss f'lazzijiet jew żigarelli li jistgħu jkunu aġġustati sa stvali li l-uċuħ tagħhom jiksu r-riġel u l-pexxun. Għalhekk, fost il-prodotti inklużi hemm:

(i) żraben ċatti jew b'takkuna għolja li jintlibsu ordinarjament fid-dar jew barra;

(ii) stvali li jilħqu sa l-għaksa, stvaletti, stvali li jilħqu sa l-irkoppa u stvali li jiksu l-pexxun;

(iii) sandlijiet ta' diversi tipi, "espadrilles" (żraben b'uċuħ tal-kanvas u suletti ta' materjal tal-ħaxix immaljat), żraben tat-tennis, żraben tal-ġiri u żraben oħra ta' l-isports, sandlijiet ta' l-għawm u żraben oħra ta' kuljum;

(iv) żraben speċjali għall-isports imfassla għal attività sportiva u li għandhom, jew jista' jkollhom, ponot, buttuni fil-qiegħ, msiemer, *clips*, żbarri jew xi ħaġa simili u stvali tal-pattinaġġ, stvali ta' l-iskijjar u żraben għall-ġiri fil-kampanja, żraben għall-lotta, żraben għall-*boxing* u żraben għaċ-ċikliżmu. Inklużi wkoll huma oġġetti komposti magħmulin minn żraben bi *skates* (għal fuq is-silġ jew *rollers*) imwaħħlin magħhom;

(v) papoċċi taż-żfin;

(vi) żraben magħmulin minn biċċa waħda, l-aktar magħmul bil-forma tal-lastku jew plastik, imma bl-esklużjoni ta' oġġetti ta' materjal ħafif ħafna (karta, film tal-plastik, eċċ. bla suletti mwaħħlin magħhom) li jistgħu jintremew wara l-użu;

(vii) galoxxi milbusin fuq żraben oħra, li xi drabi jkunu bla takkuna;

(viii) żraben li jistgħu jintremew wara l-użu, b'suletti mwaħħlin miegħu, ġeneralment maħsubin biex jintużaw darba biss;

(ix) żraben ortopediċi.

Għal raġunijiet ta' omoġeneità u ċarezza, u bla ħsara għall-provvedimenti msemmija fid-deskrizzjoni tal-prodotti koperti minn dan l-Ordni, prodotti koperti mill-Kapitolu 64 tan-nomenklatura kombinata ("CN") jistgħu, bħala regola ġenerali, jitqiesu li jaqgħu fl-iskop ta' dan l-Ordni.